# Il-Kult Marjan fil-Poeżija Maltija

*Minn Charles Magro, BA, MOM*

Il-kult Marjan ilu Malta għallinqas għal aktar minn erba' mitt sena. Dak kien iż-żmien, bejn wieħed u ieħor, meta l-Ordni Karmelitan ġie Malta, u kellu sehem ewlieni fit-tixrid tad-devozzjoni u l-qima lejn il-Madonna, b'mod speċjali taħt it-titlu tal-Karmelu.

Fl-istorja tal-poeżija Maltija għandna poeta wieħed biss li ngħata t-titlu "Il-Poeta tal-Madonna". Dan kien il-Patri Karmelitan, u Senatur, Anastasju Cuschieri. Naturalment, billi kien Patri Karmelitan kien iqis lil Ommna tas-Sema mhux biss bħala l-Protettriċi tal-Ordni Karmelitan, iżda wkoll bħala ommu u mħabbtu. Il-versi li ddedikalha jixhdu l-imħabba li kellu lejha. Il-Madonna kienet l-ideal li għalih P. Anastasju Cuschieri, O. Carm. iddedika ħajtu kollha.



**P. Anastasju Cuschieri, O.Carm.**

Iżda l-Madonna, bil-figura u l-karatteristiċi materni tagħha, u bil-personaltà grandjuża bħala Omm il-Ħallieq ta' kollox, ispirat lil ħafna aktar poeti, u f'kull żmien tal-istorja letterarja ta' pajjiżna.

Nibdew mir-Romantiċiżmu Malti. Il-Poeta Nazzjonali, Dun Karm Psaila, jikteb li fix-xahar iddedikat tradizzjonalment lill-Madonna, Mejju, isem il-Madonna jdoqq sabiħ ħafna. Lil Ommna Marija jqabbilha max-xemx, ma' warda u mad-dija tal-kwiekeb. F'din il-poeżija Dun Karm jikteb li aħna l-Maltin fit-talb tagħna llissnu iktar bil-qalb l-isem ta' Marija:



**Dun Karm Psaila**

*Bit-tama li talbna*
*Jagħtik l-akbar ġieħ.*
("Innu lill-Madonna")

L-Imħallef Wallace Ph. Gulia jirrakkonta l-fatt li ġara f'Sirakuża, Sqallija, meta minn kwadru tal-Madonna ħareġ dmugħ. Din il-ġrajja kebbset l-imħabba għall-Madonna f'ħafna nies. F'dan is-sunett il-poeta jistaqsi għaliex bkiet l-Omm ta' Ġesù u Ommna. Fl-aħħar strofa, imbagħad, Wallace Gulia jittanta jagħti r-raġuni hu stess:



**L-Imħallef Wallace Ph. Gulia**

*Dik Ommna wkoll, u trid li kieku żżommna*
*Bogħod mill-uġigħ li huwa wisq miġjub*
*Ukoll minn min hu safi, dritt u niedem.*
("Il-Madonna ta' Sirakuża")

Il-poeti Maltin ispiraw ruħhom mill-Madonna bħala Omm Alla. Iżda l-lehma ma ġietx minn dan biss. Għajn ta' ispirazzjoni kbira huma l-virtujiet li bihom Alla żejjen lil din il-Mara, li kienet fi ħsiebu sa mill-bidu tal-ħolqien.

*Ikompli f'paġna 169*



Il-Madonna tnissel ispirazzjoni anki mit-tbatija tagħha. L-Avukat George Zammit jikteb li f'Jum id-Duluri ra l-istatwa għaddejja fit-toroq, akkumpanjata f'purċissjoni minn folol ta' nies. Id-dehra tagħha, siekta u mbikkija, qabżitlu demgħa u xtaq jaqsam magħha dik it-tbatija. Iżda tfarraġ meta talabha l-barka għal dawk kollha li kienu qegħdin jieħdu sehem fil-purċissjoni, għax kien konvint li:

*U meta l-ebda tama ma kien baqa'*
*Lejn dik l-imnikkta Qalbek tefgħet karba;*
*Int ħennejt u ħarist, u l-biki siket.*
("F'Jum id-Duluri")



*Dr. George Zammit*

Illum ukoll, għalkemm Malta hi maħkuma minn mewġa qalila ta' sekulariżmu, il-kult Marjan fostna għadu qawwi.

Omar Seguna hu poeta kontemporanju. Dan il-poeta hu minn Bormla, għalkemm illum m'għadux joqgħod hemm. Il-Bormliżi għandhom għożża speċjali għall-Kunċizzjoni, Marija Mmakulata. Seguna jikteb li l-qima lejn Marija Santissima tal-Bormliżi hi antika u b'saħħitha aktar mis-swar li jdawru 'l dik il-belt. Is-serħan tal-poplu ta' Bormla hu biss f'Marija. Mhux hekk biss; anzi l-Kunċizzjoni hi dik li tgħaqqad flimkien lin-nies ta' Bormla:



*Omar Seguna*

*Int li rebbaħtha fuq iż-żewġ assedji*
*Tibqa' tgħaqqad lill-Bormliżi flimkien.*
("Miegħek, Marija")

Jien ukoll inħoss li twelidt biex ngħix ħajti kollha taħt il-ħarsien ta' Ommna Marija Santissima. Għaddejt tfuliti u l-bidu ta' żgħożiti f'Bormla, mal-Karmelitani Skalzi (it-Tereżjani) bħala abbati (u ħafna iktar ukoll). Malli żżewwiġt u bdejt nibni familja ġdida ġejt noqgħod il-Fgura, fil-Parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu, li madwar sentejn oħra se tagħlaq 50 sena.

Minħabba f'hekk, l-imħabba għal din Ommna tas-Sema fija trawmet kmieni, u l-Madonna twaħħdet ma' ħajti, ma' familti u ma' dak kollu li nagħmel.

Bħala xhieda ta' din l-imħabba jien nikteb poeżija kull sena, għall-ħabta tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu. Nikteb biex infaħħarha, u ngħidilha biex tibqa' tħares lill-poplu kollu tal-Fgura u teħlisna lkoll minn kull inkwiet tar-ruħ u tal-ġisem:

*Għax Hi taf it-triq turina*
*Li twassaln' għand Kristu Sidna.*
*Hi, dik Ommna, tant ħanina*
*Li fis-Sema magħha tridna.*
(Qima lill-Madonna tal-Karmnu")